**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**
**(GHAWDEX)**

**IMHALLEF ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru :**
**Appell Nru: 214/2001**

**Il-Pulizija ( Spettur Paul Vassallo )**

**Vs**

**RITA FARRUGIA**

**Illum, 31 ta' Mejju, 2002.**

Il-Qorti :

Rat ic-citazzjoni li biha Rita Farrugia giet akkuzata talli f'Ghawdex b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti w li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi w li gew maghmulin b'risoluzzjoni wahda, bhala propjetarja tal-fond 20, Triq Qala, Nadur, Ghawdex, u bhala persuna li fuqha huwa rregistrat il-meter tal-kurrent elettriku li hemm fl-imsemmi post, b'mezzi qarrieqa w li bihom setghet kellha l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan il-kurrent elettriku li hemm fl-imsemmi post, b'mezzi qarrieqa w li bihom setghet twaqqaf jew tbiddel il-kejl jew markar, ikkommettiet serq ta' kurrent elettriku ghad-detriment tal-Korporazzjoni EneMalta, liema serq jammonta ghall-mhux aktar minn Lm10,

liema serq huwa kwalifikat bil-mezz. Il-Qorti giet mitluba li barra l-piena stabbilita, tapplika l-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali (Kap. 9).

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-16 ta'Novembru, 2001, li biha sabet lill-Rita Farrugia hatja ta' l-akkuza fuq imsemmija w, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 9 tal-Kap.152, illiberatha bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor sa zmien sentejn mid-data tas-sentenza.

Rat ir-rikors t'appell ta' Rita Farrugia tas-27 ta' Novembru, 2001, li bih talbet li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tehlisha minn kull htija w piena.

Rat l-aggravji ta' l-appellanti.

Rat il-provi, id-dokumenti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni taz-zewg nahat.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi l-ewwel aggravju ta' l-appellanti huwa li fil-fehma taghha l-akkuza kif dedotta kontriha hija nulla peress li din ma kienetx tispecifka id-data li fiha kien sar l-allegat reat jew l-ghaliex l-akkuza ma taghti ebda indikazzjoni tad-data li fiha l-allegat reat kontinwat twaqqaf.

L-appellanti qed tibbaza din is-sottomissjoni taghha fuq dak li jistipula l-Artikolu 360 tal-Kodici Kriminali li jispecifika x'ghandu jkun hemm fic-citazzjoni. Dan l-Artikolu jghid hekk : " *Ic-citazzjoni..........ghandu jkun fiha fil-qosor il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikolaritajiet taz-zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw*. " Hi tghid li bil-kelma " ghandu " wzata f'dan l-Artikolu, ma hemm ebda dubju li hu tassattiv li fic-citazzjoni jrid ikun hemm id-data ta' meta sar l-allegat reat jew ta' meta l-allegat reat kontinwat gie skopert u twaqqaf, u din taht piena ta' nullita'.

Issa hu ovvju, u dan b'mod generali biss, li l-ligi, permezz ta' dan l-Artikolu 360 tal-Kodici Kriminali, qed tghid x'ghandu jkun hemm fic-citazzjoni sabiex min jigi mharrek u notifikat biha jkun fil-posizzjoni li jista' jiddefendi ruhu kontra dak li qed jigi allegat fil-konfront tieghu. Hu ovvju, ghalhekk, li ir-rekwizit tad-data fic-citazzjoni huwa necessarju sabiex min jirceviha jkun f'posizzjoni biex jara jekk, per ezempju, tqumx xi kwistjoni ta' preskrizzjoni in difeza tieghu. Dan hu kollu minnu, u se mai, jekk dak li tghid il-ligi ma jigiex osservat, dan in-nuqqas jista' jwassal ghan-nullament tal-proceduri.

Issa huwa minnu wkoll li fil-kaz prezenti hu veru li fic-citazzjoni ma hemmx indikat iz-zmien li fih sar l-allegat reat mill-appellanti w lanqas ma hemm xi indikazzjoni taz-zmien meta dan l-allegat reat kontinwat gie skopert u mwaqqaf. Hi l-fehma tal-Qorti li f'dan il-kaz, l-eccezzjoni li qed tissolleva l-appellanti kellha taghmilha '' *in limine litis* " quddiem l-ewwel Qorti, dan ghaliex mill-atti ma jirrizultax li din il-kwistjoni qatt tqajjmet mill-appellanti quddiem dik il-Qorti fl-istadji kollha ta' dawn il-proceduri kemm damu quddiemha. Dan ifisser li l-appellanti ma tistghax issa tigi tqajjem ghall-ewwel darba din il-kwistjoni quddiem din il-Qorti bhala wahda mill-aggravji taghha kontra s-sentenza ta' l-ewwel Qorti. Hi kellha tqajjem din l-eccezzjoni quddiem l-ewwel Qorti appena inqratilha l-akkuza w dik il-Qorti kienet tghati l-provvediment taghha relattiv.

Barra minn hekk, imkien ma jirrizulta mill-atti li l-appellanti ma setghetx tiddefendi ruha kontra l-akkuza migjuba kontriha minhabba n-nuqqas tar-rekwizit tad-data fic-citazzjoni. Jirrizulta car mill-provi li anke mill-ewwel seduta quddiem l-ewwel Qorti kien gie maghruf liema kien iz-zmien jew data in kwistjoni w li kienet qed tirreferi ghalih l-akkuza, u, fil-fatt, l-appellanti, ghalhekk ikkontestat l-akkuza w anke gabet il-provi relattivi taghha li jirreferu ghal dan iz-zmien jew data rizultanti mill-provi.

Ghal dawn ir-ragunijiet dan l-aggravju ta' l-appellanti ma jreggiex.

Fost aggravji ohra sollevati mill-appellanti hemm l-aggravju taghha, cioe', it-tielet wiehed, fejn qed tissottometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni odjerna tinsab preskritta, partikolarment jekk wiehed joqghod fuq il-provi li z-zmien ta' l-allegat reat jew data meta dan gie skopert u twaqqaf kien fl-4 ta' Gunju, 1994.

L-appellanti tissottometti li f'dan il-kaz il-preskrizzjoni hi dik ta' sentejn peress li skond hi, dan kien kaz ta' serq semplici b'valur ta' anqas minn Lm10, kif tghid l-istess akkuza, u ma kienx akkumpanjat bl-aggravju tal-mezz. Hi giet notifikata bic-citazzjoni f'Jannar, 1999, u, ghalhekk, kienu ghaddew ferm aktar minn sentejn.

Mela sabiex tirnexxi din is-sottomissjoni ta' l-appellanti, kif mressqa minnha, ghandu jirrizulta li s-serq tal-kurrent elettriku ma kienx kwalifikat bl-aggravju tal-mezz.

Din il-Qorti trid tghid mal-ewwel li taqbel ma' l-appellanti li l-azzjoni dedotta kontriha hija preskritta bil-preskrizzjoni ta' sentejn, izda mhux minhabba l-istess raguni li qed tressaq hi. Il-Qorti ma taqbilx ma' l-appellanti li s-serq in kwistjoni ma kienx kwalifikat bl-aggravju tal-mezz. L-Artikoli 263 u 264 (1) tal-Kodici Kriminali, moqrija flimkien, fid-definizzjoni li jaghtu ghall-aggravju tal-mezz bhala ksur jghidu b'mod car li taht il-kelma 'ksur' huwa nkluz qligh ta' meters tas-servizz tad-dawl maghmul biex isir xi mezz qarrieq kif imsemmi fis-subartikolu (2) ta' l-istess Artikolu 264 tal-Kap. 9. Dan is-subartikolu (2) jghid li fil-kaz ta' ksur, u allura, qligh inkluz, ta' meters ta' l-elettriku, il-mezz qarrieq hu dak li permezz tieghu wiehed jista' jkollu l-konsum illegittimu tal-kurrent elettriku. Issa fil-kaz prezenti, jirrizulta mill-provi li ma kienx hemm meter tad-dawl fil-fond ta' l-appellanti msemmija fl-akkuza w li kien qed isir konsum tad-dawl b'mod kontra l-ligi. Il-fatti f'dan il-kaz, ghalhekk, jikkonfiguraw pjenament f'dak li l-ligi tiddisponi dwar l-aggravju tal-mezz li jikkwalifika dan is-serq ta' kurrent tad-dawl. Ma hemm ebda dubju mela, li dan kien kaz ta' serq ta' kurrent elettriku kwalifikat bl-aggravju tal-mezz. Ghalhekk is-sottomissjoni ta' l-appellanti li l-aggravju tal-mezz ma jirrizultax hawnhekk qed tigi respinta.

Pero’, kif intqal qabel, din il-Qorti, stante li hi stess ‘ex officio’ tista’ tqajjem l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, tara li l-preskrizzjoni li tapplika f’dan il-kaz hi dik ta’ sentejn u dan minhabba raguni differenti minn dik li gabet l-appellanti. Li jwassal lil din il-Qorti ghal dan huwa s-segwenti.

Ma hemm ebda dubju li dan is-serq ta’ kurrent elettriku huwa wiehed kwalifikat bl-aggravju tal-mezz biss. Ma hemm ebda aggravju iehor. U barra minn hekk, ma jirrizultax mill-provi li l-valur ta’ elettriku misruq kien jaqbez is-somma ta’ Lm10. Anzi ma hemm ebda prova ta’ kemm kien il-valur tad-dawl misruq. L-akkuza stess tghid li dan il-valur kien anqas minn Lm10. Ghalhekk wiehed ghandu necessarjament jimxi fuq il-premessa li dan il-valur kien ta’ anqas jew ta’ mhux aktar minn Lm10.

In vista ta’ dan il-fatt ghalhekk, il-Qorti tara li hawnhekk, minflok ma tapplika l-piena stabbilita fl-Artikolu 278 (1) tal-Kap. 9, li hi dik ta’ prigunerija minn hames xhur sa tlett snin, tista’ fid-diskrezzjoni taghha, tapplika dak li hemm dispost fis-subartikolu erba (4) ta’ l-istess Artikolu 278 tal-Kodici Kriminali li jistabbilixxi l-piena meta hemm serq ta’ xi haga li hi akkumpanjata biss bl-aggravju tal-mezz u li l-valur taghha ma jiskorriex l-ammont ta’ Lm10. F’tali kaz, il-piena hemm stabbilita hi dik ta’ prigunerija ghal zmien minn hames xhur sa disa’ xhur. U l-Qorti tara li dan il-beneficcju ghandu jmur favur l-appellanti f’dan il-kaz, gja’ la darba l-valur tad-dawl misruq huwa ta’ mhux izjed minn Lm10.

Issa, ghall-fini tal-perijodu ta’ preskrizzjoni, l-Artikolu 688 (e) tal-Kodici Kriminali jghid li dan iz-zmien huwa ta’ sentejn ghal dawk id-delitti suggetti ghall-piena karcerarja ghal zmien ta’ anqas minn sena, jew tal-multa jew ghall-pieni tal-kontravenzjonijiet. Mela, gja’ la darba fil-kaz prezenti qed nitkellmu fuq delitt li ghandu piena karcerarja minn hames xhur sa disa’ xhur, u stante li bejn in-notifika tac-citazzjoni lill-appellanti f’Jannar, 1999, u d-data ta’ l-allegat serq, cioe’, l-4 ta’Gunju, 1994, ghaddew ferm aktar minn sentejn, allura, japplika dan il-perijodu preskrittiv imsemmi. U hu propju ghalhekk li il-Qorti tikkonkludi li l-azzjoni prezenti kontra l-appellanti hija preskritta ai termini ta’ dan l-Artrikolu 688 (e) tal-Kap. 9.

In vista ta' dan, ghalhekk, gja la darba l-Qorti qed tiddeciedi fis-sens li l-azzjoni kontra l-appellanti hija preskritta kif intqal, ma ghadx hemm aktar lok ghalfejn jigu trattati l-aggravji l-ohra ta' l-appellanti li huma fuq il-meritu.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qed tirrevoka kompletament is-sentenza appellata w tillibera l-appellanti minn kull imputazzjoni, htija w piena, inkluza l-ordni ta' l-ewwel Qorti li l-appellanti thallas l-ispejjes peritali.